Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 60
# It-Tlieta 01 ta' Awissu 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Lino Bartolo - Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Matthew Agius – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

## 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

60.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Matthew Agius li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

60.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta'apoloġija tas-Sur Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

60.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta'apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

60.1.04 Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

60.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 59 ttieħdu bħala moqrija u kien hemm xi korrezzjonijiet.

Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 60.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

60.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrespondenza <dc 60/3/1> mir-Regjun Centrali dwar zviluppi gdid mill-inizjattiva finanzjarja fuq ghoti mill-gdid ta' tarmac lit-toroq fir-responsabbilita tal-Kunsill Lokali u gharfet lill-membri prezenti li kienet giet pprezentata Sqaq Clerance biex issir bil-konkos, izda din ma gietx accettata, ghaliex riedet issir bilfors bit-tarmac u li s-somma li se tinghata mir-Regjun jekk il-Kunsill japplika hija ta' Euro 11,111, waqt li l-kumplament irid johrog mill-Kunsill. Hawn kompliet tispjega li ser tmexxi Triq Mons Nazju Falzon ghax hija l-aktar wahda li hija possibbli li ssir ghax jistghu jigu wzati l-fondi mis-surplus tar-Regjun stess.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ha jipprezenta l-applikazjoni, ghal Triq Nazju Falzon, ghall xoghol ta' tarmac, biss ser jitlob ghal BOQ's updated, ghax l-iktar ricenti li ghandu l-Kunsill huma tas-sena 2015.

60.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 60/3/2> talba minghand is-Sur Matthew Pace, sid l-Uncle Matts Kitchen, biex jinstalla big screen temporanju fil-Weekends bejn is-sebgha ta' filghaxija u Nofsilejl biex johloq atmosfera tal-football waqt il-loghob fejn wera l-hsieb li bil-permess tal-Kunsill johloq villagg tal-football waqt il-World cup 2018.

Il-Kunsill ddiskuta din it-talba u huwa tal-fehma li sakemm dan l-iscreen ikun temporanju, jigu osservati il-bon ordni , jigifieri hinijiet kif permessi mill-Pulizija u ikun hemm il-permessi kollha mill-awtoritajiet kkoncernati, dan jista jsir.

60.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda, <dc 60/3/3> Cirkulari AKL 42/2017 dwar Kollaborazzjoni mal-kumissjoni kontra l-Vjolenza domestika f'sensiela ta' attivitajiet fuq 16-il gurnata u spjegat f'hiex tikkonsisti.

Is-Sur Alex Sciberass qal li ohtu tista tkun interessata u b'hekk nippartecipaw u talab biex nghaddu l-email halli jaghddi liha.

60.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 60/3/4> korrespondenza minghand is-Sur Dominic Vella ghal Transport Malta dwar Triq il-Harrub u Triq Santa Venera fejn din qed tidher li hija One Way u filfatt qed tintuza two way u talab lill-kunsill jekk ghamilx xi applikazjoni biex din issir.

Is-Sur Maurice Agius qal li din kienet One Way 'l isfel.
Il-Kunsill ddiskuta din il-mistoqsija u huwa tal fehma li din ghandha terga tigi One Way u tintbghat nota lir-residenti taz-zona.
Is-Segretarju Ezekuttiv se jitlob lis-Sur Dominic Vella ghall-aktar dettalji u se jara li din tigi kif suppost.

60.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai prezentat fuq il mejda <dc 60/3/5> talba min ghand is-Sur Robert Attard fejn talab biex bycle rack li ma hemx access ghalija timxi x mkien iehor.
Il-Kunsill diskuta din it-talba u jgharaf li hija gusta u se jmexxi il Bicycle rack ghall quddiem l-Ghassa.

60.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 60/3/6> sejha ghall- kampanja Lets do it minghand Camilla Applegrn biex il-Kunsill jippartecipa f' attivita' li ta' tindif fis-16 ta' Settembru madwar Malta u anke gewwa l-Imsida u spjegat li dan jinvolvi li l-Kunsill isemmi 3 zoni fejn dan it-tindif ghandu ssir. Hawn kompliet tispjega li dan isir minn voluntiera migbura minn madwar Malta u li kull ma huwa mitlub huwa li l-kunsill jipprovdi l-iskips, il-boroz suwed u hodor, tlett minn nies tal-Kunsill biex jilqghu n-nies u jqassmu il-boroz u ngwanti ghall-voluntiera.
Is-Sur Maurice Agius qal li se jkun imsiefer bejn it-8 u l-20 ta' Settembru, waqt li s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hija tasal mis-safar fl-14 ta' Settembru u tista' tkun hemm. Is-Sinjura Romina Galea qalet li se tkun hemm ukoll.

Il-Kunsill ddiskuta u qabel li niehdu sehem u gew proposti 3 siti li huma fejn il-Gibjun, Triq Spizjar Sciberras u Triq Mons Innocenz Zammit.

60.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li s-Sur Michael Mifsud inhatar ufficjalment Segretarju Ezekuttiv ghall-kumitat Amministrattiv tas-Swatar b'sehh mis-26 ta'Gunju 2017. <dc 60/3/7>

60.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li waqt laqgha aktar kmieni llum biex tara x'jista isir minhabba il-proposti ta' Traffiku go Triq il-Kuncizzjoni qamet mistoqsija dwar artiklu li deher fuq It-Times of Malta <dc 60/3/8> dwar kif qed jinghataw certu permessi ghal Tower Crane f'dan il-kaz go Triq il-Makna tas-Serrar. Hawn kompliet tispjega li din waslet ghal konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar kif jista' jimxi l-Kunsill billi ffittex parir mill-istess Awtorita' meta ikun hemm talbiet ghal dawn il- permessi. Prezenti kien hemm is-Sinjuri Michael Cohen u Silvio Scerri ghat- TM, Is-Sur Mario Fava, Is-Sindku, Il-Kunsillier Emanuel Brincat u is-Segretarju Ezekuttiv.

Is-Sur Maurice Agius Staqsa f'hiex waslet id-diskussjoni dwar Triq il-Kuncizzjoni.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li dan is-suggett se jigi mgharraf aktar waqt il-laqgha.

60.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 60/3/9> cirkulari AKL 46/2017 fejn spjegat li din hija sejha voluntarja ghall-kunsilliera biex ta' kull xahar jaghtu Euro 2.33 mill-allowance taghhom ghall-kampanja tal-MCCF fl-istrina.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawk il-Kunsilliera li jixtiequ jaghmlu din id-donazzjoni ghandhom jgharrfuh bil-miktub halli ikun jista jmexxi.

60.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 60/3/10> Dokument proposti Swieqi fil-berah u Dokument proposti tables and chairs u talbet lill- kunsilliera prezenti biex iwasslu l-proposti taghhom l-Segretarju Ezekuttiv sat-18 ta' Awissu halli dan ikun jista' jibaghathom sad-data msemmija.

60.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai prezentat fuq il mejda <dc 60/3/11> cirkulari AKL 47/2017 Gbir u mmaniggjar ta'l-Iskart u talbet lill kunsilliera prezenti biex iwasslu il-proposti taghhom l-Segrettarju Ezekuttiv sa 18 ta'Awissu halli dan ikun jista jibaghthom sad-data msemmija.

60.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 60/3/12> cirkulari AKL 49/2017 dwar attivita' BBQ u talbet lill-Kunsilliera biex jagharrfu u jhallsu l-Isegretarju Ezekuttiv sat-18 ta'Awissu halli dan ikun jista' jibbukkja sad-data msemmija.

60.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 60/3/13> u gharfet lill- kunsilliera prezenti li saret laqgha mad Direttur is-Sur Adrian Mifsud dwar l-zbilanc finanzjarju sa tmiem is-sena 2016 fejn gie diskuss ir-rapport finanzjarju u il-mizzuri li sa issa itiehdu fejn gie nuttat li sar progress biex il-Kunsill jiohrog minn din il-qaghda.
Is-Sur Lino Bartolo staqsa fhiex hija il-qaghda finanzjarja prezenti tal-Kunsill

Is-Segrettarju Ezekuttiv wiegeb li jistgha jghid li sar progress qawwi u il-kunsill hareg mil izbillanc li kien hemm u li se jghati aktar dettalji kif muri fl-Agenda meta jigi diskuss ir-rapport finanzjarju ghat tieni kwart tas sena aktar il quddiem fil-laqgha

60.3.14 Is-Sur Maurice Agius gibed l-attenzjoni tas-Sindku li hemm kommunikazzjoni li ghada ma gietx mwassla u staqsa dwar laqgha li saret mal Onr. Deo Debattista, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Indafa Pubblika.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li din il-laqgha kienet se tirreferi ghalija aktar tard u spjegat li din giet msejha wara li l-Kunsillier Emanuel Brincat kazwalment iltaqa mas-Segretarju Parlamentari u ha l-okazzjoni u talbu biex issir laqgha halli jigu diskussi xi problemi u ghajnuna sa fejn jista' jidhol id-dipartiment ghat tindif u dan ta appuntament fi zmien qasir u talbet lis-Segretarju imur maghha u lis-Sur Emanuel Brincat li ha hsieb jirranga l-appuntament.

Is-Sur Maurice Agius qal li ghalkemm kienet laqgha msejha ta' malajr xorta jhoss li bhala kunsillier responsabbli mill-Iskart, kellu jigi msejjah ghax issa ghandu aktar cans jigi la rtira mix-xoghol. Hawn kompla jghid li mhux sew li isiru certu affarijiet li ghandu x'jaqsam maghhom huwa u ma jigix mgharraf biex jattendi.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li ltaqa' ma Hon Debattista darbtejn u waqt li kien qed ikellmu, fost affarijiet ohra, talab biex jekk possibli ssir laqgha. Dan jaghmlu mhux ghax ghandu xi interess jindahal jew jidhol fuq xi hadd, izda la jaf in-nies u jaf li hemm bzonn hekk, hass li ghandu jaghmel fuq kollox dan ghall- interess tal-Lokalita.

Is-Sur Maurice Agius qal li kien hemm tlett drabiet ohra li gie imhalli barra bhall meta inbidlu xi dati tal-knis.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li din kienet ta' darba biss u ma gratx aktar.

Waqt id- diskussjoni bejn iz-zewg kunsilliera s-Segretarju Ezekuttiv ghamel intervent fejn spjega li meta ikun hemm dawn l-affarijiet, min huwa kkoncernat jigi avzat. Kif l-affarijiet sehhew huwa fatt li bi zvizta u anke ghax kien hemm hafna xoghol ghaddej waqt il-Gimgha tal-Festa din harbitlu u qal Li bhala ufficjal responsabbli ihoss li huwa personalment naqas li jigbed l-attenzjoni tas-Sindku biex tinkludi lis-Sur Agius u ghalhekk qed jerfa kull responsabbilita.Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li ga la darba giet msejha ghall laqgha hija marret u hasset li kella tghid lis-Segrettarju u lill min ha hsieb u ma hassetx li kellha tghid lill kull hadd ghax ma kienx invit ufficjali.Hawn kompliet tghid li meta kien hemm invit ghall kulhadd il-Kunsilliera dejjem gew mgharrfa .Barra min hekk ta' min jghid li kullhadd jista jiehu inizjativa u jorganizza laqghat bhal fi zmien il-Festa meta kulhadd seta jigi u jiehu interess specjalment fejn jidhol it-tindif wara tmien l-attivitajiet ta'barra.

Il-Kunsilliera prezenti kunsidraw u accetaw il-fatti kif graw

### 60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

60.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Loading / Unloading bay ghall hanut taz-zebgha f'Misrah il-Barrieri u li dan gie avzat li l-ewwel irid japplika ma' Trasport Malta.

60.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar Traffic Management ghal Triq San Lwigi. Is-Sur Domenic Vella rega' gie kkuntattjat u wiegeb li TM mhux se tohrog permess ta' Residents only minhabba sentenza tal-Qorti.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharfet lill-kunsilliera prezenti li saret laqgha ma' Trasport Malta. Hawn kompliet tispjega li TM ma tahsibx li Residents Only tista' tikkontrolla u din hija biss marbuta ma' residenti tat-triq u mhux tal-Imsida. Ghalhekk TM ssugerew li Triq San Lwigi ghandha ssir One way 'l isfel, kif kienet approvata bi prova ghal xahar.

Is-Sur Maurice Agius ghamel referenza li kien hemm pjanta ohra u staqsa fuqha.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li pjanta kien hemm wahda biss u l-pjanta li qed jirreferi S-Sur Maurice Agius kienet il-pjanta li kienet bi zbalji u kelllha tigi rrangata qabel din tigi pprezentata ghall-approvazzjoni.

Is-Sur Maurice Agius insista li kien hemm ohra u ma qabilx mat-twegiba tas-Sindku.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li dik hija il-pjanta u li wasal iz-zmien li tittiehed decizjoni.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li waqt il-Laqgha pubblika kien miftiehem li kellu jinhatar numru ta' rapprezentanti u dawn kellhom jigu kkonsultati.

, Is-Sur Lino Bartolo qal li se nibqghu sejrin hekk bil-konsultazzjonijiet u ma naslu mkien ghax kulma gie ssugertit jidher li mhux prattiku.

Is-sinjura Romina Galea qalet li n-nies ta' Triq il-Kuncizzjoni qed ibatu u hadd iktar.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li mhux qed joggezzjona, izda jekk waqt il-Laqgha pubblika kien miftiehem li ssir diskussjoni mar-raprezentanti allura dawn ghandhom jigu infurmati permezz ta' Laqgha.

Is-Sur Lino Bartolo qal li waqt il-laqgha l-aktar haga li semmew huwa il-wied u nafu li dan m'ghadux ikun kif kien qabel allura se nibqghu nitilfu il-hin.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li jekk ikun hekk, f'kaz estrem, il-Pulizija tista', f'emergenza tghaddihom.

Il-Viċi Sindku Alex Sciberras qal li dan il-pjan sar biex insolvu l-problema u t-tbatija tar-residenti fi Triq il-Kuncizzjoni. Dawn ilhom zmien twil ghaddejin hekk. Hawn kompla jispjega li ghalkemm il-laqgha saret ghar-residenti tat- toroq ohra fiz-zona u li kulhadd ghandu r-ragunijiet tieghu, hemm bzonn taghti ftit aktar importanza lil min qieghed ibati ta' kuljum minhabba traffiku eccesiv li ghaddej minn go triq daqshekk zghira.

Is-Sindku Margareth Baldachino Cefai qalet li fuq dak li qal is Sur Charles Selvaggi nistghu niktbu lir-residenti biex jahtru raprezentant u nikonsultaw ma dawn ir-raprezentanti.

Is-Sur Maurice Agius qal li huwa mhux se jaqbel mal-proposta u jekk il-kunsill se jghaddi ghal vot hu ser jivvota kontra.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ghalkemm hija tahseb li ikun aktar ideali ghaliha, li Triq San Lwigi tkun One Way ‘il fuq, jibqa fatt li r-residenti ta' Triq il-Kuncizzjoni jibqghu ibatu u jidher li s’issa m’hemmx soluzzjoni ahjar .

Il-Viċi Sindku Alex Sciberras qal li jidher li ghalkemm, bhal ma gara hafna drabi u kif huwa xieraq li wara diskussjoniiet bhal dawn id-decizjonijiet jigu maqbula u jittiehdu minghajr bzonn ta'vot. Jidher car li fuq dan il-pjan il-Kunsill mhux se jkun hemm dan il-qbil u ghalhekk talab lis-Sindku biex il-pjan ta’ Traffic Management ghal Triq San Lwigi tigi One way ‘l isfel bi prova ghal xahar, jghaddi ghal vot u dan gie ssekondat mis-Sur Emanuel Brincat.

Il-Kunsill mar ghal vot fejn il-pjan ta’ Traffic Management biex Triq San Lwigi tigi One way ‘l isfel bi prova ghal xahar. Ghadda b’hames voti favur u tnejn kontra, hekk kif jidher hawn taht.
Favur
Margaret Baldacchino Cefai
Alex Sciberras
Lino Bartolo
Emanuel Brincat
Romina Galea
Kontra
Charles Selvaġġi
Maurice Agius
Wara l-vot saret diskussjoni meta dan il-pjan ghandu jigi fis-sehh u gie deciz li din ghandha tibda fit-28 ta'Awissu, 2017, qabel tibda l-skola.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota biex jigu ordnati s-Sinjali mehtiega u ssir ittra biex tgharraf lir-resident tal-istess toroq msejha ghal-laqgha pubblika fuq dan il-pjan.

Se jiccekja l-ahjar mezzi biex il-pubbliku ikun mgharraf barra mill-avvizi li jinhargu fuq il-Gazetta tal Gvern u n-Notice boards.
Ufficjali mit-Trasport Malta se jkunu fuq il-post biex jigwidaw il-pubbliku sakemm din tindara.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li wara tant diskussjoni u anke xi kummenti li setghu intqalu, jixtieq jaghmel stqarrija qabel jittella item iehor, li huwa fl’ ebda hin u mument m’ghamel xi tip ta’ orkestrazzjoni biex ifixkel il-pjan propost ghal Triq San Lwigi u s-Sur Maurice Agius qal li jixtieq jinghaqad ma l-istqarrija.

60.4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar permess mitlub ghal bollards temporanji meta ikun gej container tal-Invicta. Sar kuntatt mas-Sur Farrugia biex niltaqghu ha nkellmuh.

60.4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar ir-rapport fuq il-bandli. Tlabna biex issir laqgha u ghadna ma hadniex risposta u ergajna baghtnilhom.

60.4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-Loading / Unloading bay go Triq Tabib Naudi hareg il-permess u tnehhiet.

60.4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-Management Letter il-kopja tar-risposta pprezentata fuq il-mejda.

60.4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar it-talba Mis-Sinjura Sonja Vasallo ghal hin ta' xoghol flesibbli. Din mgharrfa u ghandu ssir il-ftehim b'sehh ghall-bidu ta' Ottubru.

60.4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar tindif ta' Fanali go Rue D'Argens, ghadhom ma sarux.

60.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar verifika tal-kuntratturi tal-hwienet u stabbilimenti u ser jiltaqgha mas-Sur Maurice Agius biex ifasslu ittra.

60.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar certu hwienet rrappurtati li qed jikapparaw fuq il-bankina u fit-triq fejn il-Kunsill talab lit-TM biex jaghmlu nfurzar u dawn marru fuq il-post it-Tnejn 31 ta' Lulju u hadu azzjoni.

60.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li kien wara konsultazzjoni li l-laqgha ma setghetx issir fil-gurnata msemmija u gie maqbul li din timxi ghall-1 ta' Awissu minhabba l-GreenPak Local Council Awards li attendew ghaliha s-Sindku Margaret Baldachino Cefai u s-Sur Maurice Agius flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saretx il-Laqgha mal-Pulizija dwar id-Droga.

Is-Sindku wiegbet li din gharfitha bil-korrespondenza izda l-laqgha ma saritx.

60.4.12 Is-Sur Maurice Agius qal li l-lattrina qed tinghalaq kmieni u din alimenu ghandha tibqa miftuha sal-23:00, qal ukoll li ghandha titwahhal tabella bil- hinijiet u anke jsiru xi tabelli ohra ghall-gonna.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ha nota u qal li dawn it-tabelli se jsiru.

60.4.13 Is-Sur Maurice Agius qal li qed jinnota li qed jitilghu fuq il-kamra tal-pompi u qed joqghodu jaqbzu minn fuqha.
Il-Kunsilliera ddiskutew u saru xi suggerimenti ta’ x’jista jsir biex dawn ma jkomplux jitilghu fuq il-kamra.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ha nota u qal li l-ahjar li jsiru bhal vireg jitfghu ‘il barra halli dak li jkun ma jistax jitla’.

60.4.14 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-Bridge ta’ triq San Lwigi.
Is-Sindku wiegbet li dan kif spjegat f'laqgha ohra giet diskussa mas-Sur Michael Cohen u dan ghandu jghaddija u jikkonsulta ma’ min se jilhaq flok is-Sur Simon Grima biex jara jekk dan ix-xoghol isirx mit-Trasport Malta minhabba li l-kunsill kulma jista’ jaghmel huwa asphaltar.

60.4.15 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-hwienet go triq John Borg u l-hmieg u l-iskart li qed jingabar minhabba l-attivita’ kummercjali. Qal ukoll li hemm hanut go Triq Rue D'Argens, li qed jarmi kwantita’ ta' Kartun.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li dwar  il-laqgha mal-EF school, qed nistennew li jsir l-appuntament halli navzaw lil tal-hwienet biex niltaqghu f'laqgha wahda. Filwaqt li l-hanut ta' Triq Rue D'Argens kien ga kellmu ftit taz-zmien ilu massSur Emanuel Brincat  u se jiehu nota biex  jerga' imur ikellmu.

60.4.16 Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar l-abbuzi ta' rimi  ta' skart fi Triq l-Universita u jekk kienx hemm xi risposta wara laqgha li saret fuq il-post ma rapprezentanti tal-Universita' biex issir boundary wall aktar addattat biex ma jibqax isir abbuz.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s'issa ma smajna xejn u li se naghmlu kuntatt mal-Perit Chris Spiteri.

60.4.17 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk sarux xi zviluppi fuq il-Problema ta' Triq is-Sarg u dwar min hu responsabbli.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li kif semmejna f'laqgha precedenti din hadna pariri minghand is-Sur Michael Cohen biex nistennew sa meta l-agenzija tat-toroq tibda topera fi-zmien qasir.

60.4.18 Is-sur Emanuel Brincat  staqsa jekk gietx il-garanzija tal-bankina mill-perit ta' Da Giuseppe.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li dan rega' baghat kopja tal-pjanta  <dc 60/4/18> u ma fiha l-ebda garanzija.
Is-sur Emanuel Brincat qal li mela hemm bzonn nibaghatu l-ahhar ittra u nikkuppjaw lill-PA.
Is-Sur Maurice Agius qal li jekk naghmlu hekk ghandna naghmlu hekk ghal kulhadd ghax fi Triq il-Bacir saret rampa quddiem garaxx li jintuza stalla u xtaq ikun jaf kif saret u b'liema permess.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li din ir-rampa jaf biha u din kellha ssir biex ikun jista' idahhal il-karozzin. Biss din saret ghas-spejjez ta' min juza il-fond.

Is-Sur Maurice Agius  staqsa jekk sid il-garaxx go Triq it-Tabib Naudi hallas jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li ghalkemm dan l-ewwel ma ridx ihallas. Wara li gie biex jaghmel permess dan hallas ta' kollox.

60.4.19 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa taht liema ministeru taqa'  ir-residential parking u jekk nistghux inkellmuh fuq il-mozzjoni mghoddija.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li din il-kwistjoni taqa that Transport Malta ghada on Hold u qed nistenew li sitwazjoni tigi carata.

60.4.20 Is-Sur Charles Selvaggi Staqsa dwar id-dawl go Triq Oscar Zammit li ghadu mitfi.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li qed naraw ma l-EneMalta ghax hemm xi wires go sigar li iridu jinzabru u qed nipprovaw niccaraw liema sigar huma halli nikkordinaw ix-xoghol. Mal-ewwel daqqa ta' ghajn jidher li dawn huma is-sigar tal-Junior College u hemm bzonn naghmlu kuntatt u jekk ikun il-kaz nifthemu u l-kunsill jizbor is-sigar u jibaghat il-kont.

60.4.21 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-bankina mal-binja ta' Triq Rue d'Argens ma' Antonio Bosio.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li s'issa ghadna ma ffirmajniex ir-release tal-garanzija sakemm dan igib il-permess biex jigi vverifikat min hu responsabbli ghal bankina.
Is-Sur Maurice Agius qal li anke il-madum tal-bankina go Triq ix-Xatt ta' Xbiex hemm parti madum ahdar u griz ezatt quddiem ta' Stivala u Depasquale.

60.4.22 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar garaxx mhux uzatt go Triq Antonio Sciortino biex isir parking bay.

60.4.23 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar it-tappijiet ghar-recycle strina biex il-Kunsill jippartecipa.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ghandha tiehdu l-iskola izda xorta nistghu naghmlu wahda hawn u filkaz immexxu.

60.4.24 Is-Sinjura Romina Galea qalet li l-Bins mad-dawra tal-iskola mhux qed jitbattlu kollha u li go Triq Xatt ta' Xbiex il-bins ikunu kollha bil-kaxxi tal-pizza waqt li hdejn il-Junior college qed jimtela bil-hmieg.

60.4.25 Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bzonn inkellmu lid-Direttur tad-dar tar-refuggjati minhabba l-iskart u biex forsi ssir il-bankina go triq tal-Qroqq.

60.4.26 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar l-istat tal-art mad-dawra tal-monument biex forsi din ssir ghax saret perikuluza.

## 60.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

60.5.01 Il-Kunsill iddiskuta Postmortem tal-attivitajiet u l-permessi wara l-festi esterni San Guzepp Msida .
Is-Sur Charles Selvaggi qal li osserva kif s-Sur John Micallef kien dejjem prezenti u nnota li kien hemm hafna ordni fejn jidhlu l-permessi tal-Gabbani u anke l-imwejjed u s-siggijiet fuq barra tal-hwienet u ppropona li jekk hemm xi mod kif nistghu naghatu appraisal tajjeb dan ghandna naghmluh.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan kien ga ha nota tieghu u hekk se jaghmel meta dan jigi mitlub fl-ahhar tas-sena.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li jixtieq jirringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv li kien dejjem prezenti fil post u kif ghamel cert li kulhadd jinqeda b'mod gust, organizzat u fl-istess hin kulhadd ihallas il-permessi kif suppost. Hawn kompla jispjega li l-andament kien tajjeb hafna fejn luniku problemi li inhalqu kienu min ta' Da Giuseppe li sahansitra okkupa parti miz-zuntier bl-imwejjed.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li dan sahansitra irrangajnilu li jiehu parti mit-Triq u ihalli access ghan-nies u wheelchair u dan xorta ma mexiex ta' nies fejn sahansitra l-ispettur tal-Pulizija gharfet li dan suppost ihalli access ghall-ambulanza.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan kien ga ha nota tieghu u s-sena d-diehla jekk ma jinbidlux il-kundizzjonijiet tal-permessi se jimxi mod iehor. Ma' dan kompla jghid li flok wardens behsiebu igib pulizija jew ufficjali tal-enforcement ta' Trasport Malta, halli dawn ikunu jistghu jiehdu azzjoni minnufih.

Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar l-armar tan-nar li jhallu kollox hemm ghal gimghat shah u li dawn jippretendu li  jaghmlu li jridu u ma jgibu l-ebda rispett lil had, anke meta tghinhom.
Is-Segretarju qal li ha nota u se jimxi skond dak li se jaghmlu issa.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-quddiesa tal-Koncelebrata ta' jum il-festa u il-fatt li ma kienx hemm post riservat ghall-Kunsill u wara li giet infurmata li l-postijiet ma inzammux hija telqet 'il barra.

Is-Sur Maurice Agius qal li mar fis-sagristija u staqsa lill-Kapillan ghala ma zammewx il-postijiet tal-Kunsill u dan wiegbu li hadd mill-Kunsill qatt ma jmur. Hawn kompla jispjega li wiegeb lill-Kapillan li dan mhux minnu ghax huwa u s-Sur Lino Bartolo dejjem attendew.
Is-Sur Lino Bartolo qal li mhux sew u hass li huwa ghandu jaghmel bhas- Sindku u jitlaq 'il barra  u spjega li meta ikun hemm xi haga ufficjali il- postijiet dejjem ghandhom ikunu rizervati skond il-posizzjoni. Fuq kollox anke meta fil-Katedral, il-President jew ufficjali ohra ma jattendux il-post  jibqa vojt ghalhekk ihoss li ghandna niktbu lill-Kapillan dwar dan in-nuqqas

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li dwar il-permessi jekk hemm min kiser xi kundizzjonijiet, dan ghandna nzommulu d-deposit.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ha nota u zid jghid li s-sena d-diehla ghandu jaghmilha cara li hadd ma jista' jaghmel permess biex wara jikrieh lil hadd iehor. Hawn spjega li l-kunsill biss jista' johrog il-permess u izomm tieghu u l-ebda individwu iehor m'ghandu dritt jghaddih lil terzi persuni u jitlob hlas ghalih, ghax dan mhux trasferibbli bi hlas.  Jekk applikant ihallas id-dritt tal-post biex ma jintilifx, dan ghandu xorta javza lill-Kunsill li mhux se jarma u il-Kunsill biss jista' jalloka dak il-post u izomm tieghu skond kif tghid l-iskeda.  Ghas-sena d-diehla kif spjega qabel, ser jissejhu l-pulizija u min jinqabad jabbuza jigi imharrek u mgieghel izarma.

Is-Sur Maurice Agius Staqsa dwar xi bollards li ra imwahhla u min ghamilhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kemm il-darba ssemiet li hemm bzonn jithallew passaggi minn fejn jghaddu n-nies u wheel chairs. Dawn twahhlu bir-robolts biex ma jsirux toqob kbar fil- madum izda hemm bzonn ikunu aktar sodi ghax bdew jinqalghu.

60.5.02 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda 2nd quarter financial indicators report <dc 60/5/2> u ta rendikont fuq il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill. Hawn spjega li kif jidher fir-Rapport il-ghadda, mill-ewwel kwart tjiebet ghall-5.85% min -1.83 % dan kien dovut ghal :-

Aktar kontroll fejn jdhol infiq li qed jinzamm skond l-estimi finanzjarji ghas- sena kurrenti u anke ghall-fatt

li kien hemm zieda fit-talba ghall permessi ta' kull xorta minhabba zieda fil-kostruzzjoni gewwa l-Imsida. .

L-Kunsill qieghed hafna attent u qed jara li hadd ma jabbuza u jipprova jahdem minghajr il-permessi mehtiega.

Is-Segretarju Ezekuttiv kompla jispjega li jidher car li x-xoghol fil-Kunsill qed jizdied sew u ghalkemm l-impjegati qed jaghmlu l-almu taghhom fejn sahansitra jitolbu permess biex ikunu jistghu jaghmlu certu xoghol mid-dar biex ma jaqawx lura, hemm limitu sakemm dan jista ikompli ghaddej u ghalhekk qed jitlob lill-Kunsill biex japprova li tigi mpjegata persuna ohra.

Is-Sur Maurice Agius staqsa kemm suppost ikun hemm imjegati fil-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li suppost ikun hemm erba' impjegati izda l-Kunsill sakemm jara li t-talba ghaz-zieda ta' persuna ohra tkun gustifikata u japprova, jista' jitlob lid-Direttur ghall-Gvern Lokali biex igib l-approvazzjoni mill-Ministru biex izzid impjegata.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li waqt il-laqgha mad-Direttur, ukoll gie nnutat li x-xoghol amministrattiv qed jizdied u anke giet diskussa fil-qosor li jista' jkun hemm bzonn li tigi mpjegata persuna ohra.

Is-Sur Lino Bartolo staqsa li hemm impjegata ohra li qeghda mal-Kunsill u jekk din tigi lura x'jigri.

Is-Sur Maurice Agius qal li dik tigi lura flok il-persuna impjegata li tkun back to back.

Is-Sur Alex Sciberras qal li kif jidher fir-rapport l-ammont ta permessi li inhargu f'sitt xhur huwa ta' dak li kien pjanat ghall sena. Din iz-zieda fl'attivita' ta' kostruzzjoni qed iggib zieda fil-popolazzjoni u zieda fil- problemi li rrid jiehu hsieb il-Kunsill. Bhala Kunsilliera hemm ir-responsabbilita' politika izda fl-ahhar ir-responsabbilita' Aministrattiva tal- Kunsill hija tas-Segretarju Ezekuttiv u dan ghandu bzonn li jkollu nies bizzejjed biex jiehdu hsieb.

Il-Kunsill ddiskuta u approva is 2nd Quarter Financial indicator report u biex is-Segretarju Ezekuttiv jikteb lid-Direttur biex issir talba u jirrikmanda lill- Ministru biex tizdied persuna ohra mpjegata fl-amministrazzjoni.

## 60.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

60.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li fil-laqgha L7-59 giet diskussa il-possibilita' li tittella lejla Maltija u ssugeriet li l-ghaqdiet ikunu jistghu jarmaw u jbieghu waqt is-serata, izda meta tqis il-ftit granet li kien ghad fadal ghal jum l-Imsida dan ma kienx hemm cans li tista' tigi organizzata.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella kompla jgharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar bidliet li saru mill-programm ta' Jum l-Imsida fejn l-attivita' tal-Hamis 13 ta' Lulju, Gita bid-Dghajsa fix-Xlokk ta' Malta. Inbidlet ma' Gita Hop on Hop off u saret it-Tnejn 10 ta' Lulju. Waqt li l-attivita' ta'Tlieta 11 ta' Lulju, Harga ghall-anzjani giet trasferita ghat-2 ta'Awissu u ser ssir Ghawdex.

Is-Sur Maurice Agius tkellem u staqsa dwar l-inviti ghall-attivita' Jum l-Imsida fejn qal dan ma wasalx ghand xi nies li kellhom ikunu mistiedna fosthom is -Sur Robert Cutajar u s-Sinjura Jane Naudi.
Is-Sur Lino Bartolo wiegeb li l-inviti kollha gew ccekkjati u ntbaghatu bil-posta hlief dawk interni. Semma wkoll li xi ghaqdiet fosthom religjuzi gew imnehhija mil-lista. Dawk li jiehdu il-Mertu ikunu mistiedna u fil-kaz tas-Sinjura Naudi kienet tkun mistiedna ghax kien Is-Sur Naudi li ha l-mertu u dan jibqa validu sakemm il-persuna tibqa' hajja u l-familjari ma jibqghux jigu mistiedna.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jehtieg li certu affarijiet isiru minn qabel bhall-programm tas-serata , l-inviti u l-presentation li hadet hafna xoghol u din lanqas biss giet innutata minhabba li l-podium kien in-naha l-ohra tal-iscreen u li min kien qed jiehu hsieb ma halliex il-power point jimxi kif kien pprogrammat izda qaghad jipprova jqabbel skond id-diskors tas-Sindku li ma kienx hemm ghalfejn.

## 60.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

60.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-60 <dc 60 /7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti ikopru invoices li l-Kunsill ircieva sa 28 ta'Lulju.
L-Iskeda giet proposta mis-Sinjura Romina Galea u ssekondata mis-Sur Charles Selvaggi.
Skeda ġiet approvata unanimament.

## 60.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.8.01 Il-laqgħa intemmet fit-8:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat Tnejn 28 ta' Awissu 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 28 ta'Awissu 2017

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |